



Brussell, 29 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0176(NLE)

12393/17
ADD 1

VISA 358
COLAC 87

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn għal perijodu qasir
- Dikjarazzjoni tal-Unjoni

DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI DWAR ID-DĦUL FIS-SEĦĦ TAR-REGOLAMENT (UE) 2017/2226 LI JISTABILIXXI S-SISTEMA TA' DĦUL/ĦRUĠ (EES)

U L-ISTATI MEMBRI LI JAPPLIKAW L-ACQUIS TA' SCHENGEN BIS-SĦIĦ

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 daħal fis-seħħ fid-29 ta' Diċembru 2017.

Bħala konsegwenza, sa mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2226¹, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-Istati Membri li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ ser tfisser l-Istati Membri li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni. Il-perijodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum ser jiġi kkalkulat b'kont meħud tal-perijodu ta' soġġorn fl-Istati Membri kollha li joperaw is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni.

¹ Id-data tal-applikazzjoni ser tiġi deċiża mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) 2017/2226.